Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2008

Numru 421/2003

Il-Pulizija
(Spettur Neil Harrison)

vs

Nazzareno Buhagiar,
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 442470(M), akkuzat talli:

(a) f’dawn il-gzejjer fis-16 ta’ Mejju 2003 u matul l-ahhar granet qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Lil Nazzareno sive Reno Buhagiar wahdu akkuzat ukoll:

(b) talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Mejju 2003 u matul l-ahhar granet qabel dina d-data biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza,

(c) billi sar recediv b'erbgha sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26/01/98 (Hall 2); 29/01/01 (Mag. Silvio Demicoli); 9/05/02 (Mag. S. Demicoli); 14/01/03 (Mag. S. Demicoli);

-omissis-

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ordni mahruga mill-Avukat Generali folio 9.

Rat il-kontr'ordni folio 233.

Ezaminat il-provi.

Ikkonsidrat:

Illi dina s-sentenza tirreferi biss kwantu ghall-imputat Nazzareno Buhagiar stante illi wara talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju (folio 230) z-zewg ko-akkuzati l-ohra gew imnehhija minn dawn il-proceduri u gudikati separatament. Di fatti t-talba kienet saret fil-21 ta' Mejju 2004 u fir-rigward l-istess z-zewg ko-akkuzati l-ohra il-kawza kwantu kienet tirrigwarda lilhom kienet giet deciza fit-13 ta' Marzu 2006.

L-imputat odjern jinsab akkuzat ta' traffikar u pussess tad-droga cannabis u l-provi juru li hu flimkien maz-zewg ko-akkuzati gja sentenzjati kienu nstabu fil-pussess ta' cirka

ta' nofs kilo ta' cannabis fil-garaxx numru 232 f'Triq il-Bwieraq, Birkirkara. Il-Pulizija f'dik l-okkazjoni kienet ukoll elevat mill-imsemmi fond oggetti relatati mal-abbuz tad-droga. Ir-relazzjoni tal-espert nominat fl-inkjesta ma thalli ebda dubju dwar il-konsistenza u n-natura tas-sustanza elevata mill-garaxx 'de quo'.

Illi l-unika problematika li jippresenta l-kaz hi jekk id-droga kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Minn ezami tax-xhieda u c-cirkostanza li d-droga mixtrija kienet effettivament mahsuba u difetti hekk irrisulta li tinqasam bejn it-tlett akkuzati originali, il-Qorti temmen li hi (ossija d-droga) kienet intiza ghall-uzu personali tal-akkuzat.

Rat l-artikolu 8(a) u 22 tal-Kap 101 u l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 u tiddeciedi li tikkundanna l-akkuzat xahar prigunerija u 466 euro bhala multa konvertibbli f'15-il jum prigunerija f'kaz li ma jithalsux zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------